MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 537/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**John Crauana**

**Kumpilazzjoni Numru: 537/2011**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuzat kontra John Caruana ta’ 50 sena, imwieled Marsaxlokk nhar l-1 ta’ Frar, 1961, bin Lewis u Carmela nee’ Baldacchino, u residenti fil-fond numru 78, ’Morning Star’, Triq l-Arznell, Marsaxlokk, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 131661 (M).

Akkuzat talli

Nhar l-20 ta’ April, 2011 ghl habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar u f’hinijiet ohra qabel matul l-istess gurnata u fil-gimghat ta’ qabel minn go Dis Equipment Rental Metal f’ H’ Attard u f’inhawi ohra fil-gzejjer Maltin;-

1. Ikkommetta serq ta’ materjal ta’ scaffolding u xi oggetti ohra liema serq jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centemzu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Dis Equipment Rental Metal Fit, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna
2. Bil-hsieb li jaghmel feriti gravi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, u dan ghad-dannu ta’ Daniel Farrugia u Ian Tabone;
3. Ikkkaguna feriti hfief fuq il-persuni ta’ Daniel Farrugia u Ian Tabone hekk skond kif iccertifikat Dr. Lynn Grech M. D mic-Centru tas-sahha tal-Mosta
4. Talli saq motor-car jew vettura ohra ta’ l-ghamla Fiat bin-numru ta’ registrazzjoni FBX 231 b’mod perikoluz;

Il-Qorti, giet mitluba li tittratta ma’ l-imputat bhala recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali; meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b’sentenza ta’ reati Maltin, liema sentenza saret definittiva.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 261(c)(d), 267, 268, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 17, 18, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-hames wahda dwar recidiva, b'dan li fir-rigward ta'l-aggravju dwar valur f'l-ewwel imputazzjoni huwa ametta serq ta' oggetti li ma jiswewx aktar minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37). Huwa kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekuzzjoni ddikjara li, in vista tal-provi prodotti, l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat qed tigi ridimensjonata fis-sens li r-reat li qed jigi addebietat bih l-imputat huwa dak ta' serq aggravat bil-valur li ma jeccediex elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37) u bil-persuna.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijjet kollha migjuba kontra tieghu (l-ewwel wahda kif ridimensjonata); dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-hames imputazzjoni u cioe dik dwar recidiva ghandu jinghad li ma giet prezentata l-ebda sentenza in sostenn ta' din l-imputazzjoni li ghalhekk ma tistax tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jnstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli mahsub f'l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 218(1)(a), 221(1), 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati ta' serq aggravat bil-persuna u l-valur li ma jeccediex elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37), u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' sentejn u qed tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur. Inoltre u b'applikazzoni ta'l-artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' €78.33 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor  fi zmien sentejn.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------